

# Dikjarazzjoni



Translations proofread by EDPB Members.

This language version has not yet been proofread.

## Dikjarazzjoni 1/2025 dwar l-Assigurazzjoni tal-Età

### Adottata fil-11 ta' Frar 2025<sup>1</sup>

Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data adotta d-dikjarazzjoni li ġejja:

#### 1. SFOND U SKOP TA' DIN ID-DIKJARAZZJONI

- Il-qafas regolatorju Ewropew jappella għal aktar protezzjoni tat-tfal fl-ambjent digħi. Pereżempju, id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva<sup>2</sup>, li ġiet trasposta mill-Istati Membri fil-liġijiet nazzjonali tagħhom, tenfasizza l-possibbiltà li jiġu implementati miżuri ta' verifika tal-età (l-Artikoli 6a u 28b), il-GDPR jintroduċi rekwiżiti ta' età minima għall-kunsens għall-ipproċessar ta' data personali fil-kuntest tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni (l-Artikolu 8), l-Att dwar is-Servizzi Diġitali<sup>3</sup> jirreferi għall-verifikasi tal-età bħala miżura ta' mitigazzjoni tar-riskju (l-Artikolu 35(1)), u għadd ta' Stati Membri implementaw rekwiżiti ta' età minima għat-twettiq ta' atti legali, l-eżerċitar ta' ċerti drittijiet jew l-aċċess għal ċerti oġġetti u servizzi fil-liġijiet nazzjonali tagħhom stess.
- Barra minn hekk, inizjattivi nazzjonali u Ewropej differenti, bħal Internet Aħjar għat-Tfal (BIK +), jidentifikaw l-assigurazzjoni tal-età bħala soluzzjoni waħda biex jittejjeb il-benesseri tat-tfal online permezz ta' ambjent digħi sikur u adattat għall-età f'konformità mad-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali Ewropej<sup>4</sup>.

<sup>1</sup> Saru korrezzjonijiet żgħar fl-ifformattjar ta' dan id-dokument fl-24 ta' Frar 2025 Saru aktar bidliet minuri fil-paragrafi 16 u 22 punt b fl-1 ta' April 2025.

<sup>2</sup> Id-Direttiva (UE) 2018/1808 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li temenda d-Direttiva 2010/13/UE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti disponizzjonijiet stabiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) fid-dawl ta' realtajiet tas-suq li qed jinbidlu, <https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2018/1808/oi>

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali), <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2022/2065/oi>

<sup>4</sup> Internet Aħjar għat-Tfal, Gwida għall-assigurazzjoni tal-età, <https://better-internet-for-kids.europa.eu/en/age-assurance-guide-oldest>

3. Abbażi tad-definizzjoni pprovdua fir-rapport ta' riċerka *Mapping age assurance typologies and requirements*<sup>5</sup>, dan id-dokument se juża l-“assigurazzjoni tal-età” bħala “t-terminu ġeneriku għall-metodi li jintużaw sabiex tiġi ddeterminata l-età jew il-grupp ta’ età ta’ individwu sa’ livelli differenti ta’ fiduċja jew ċertezza”. L-istess rapport isemmi tliet kategoriji primarji tal-assigurazzjoni tal-età: l-istima tal-età, il-verifika tal-età u l-awtodikjarazzjoni.
4. L-assigurazzjoni tal-età toħloq riskji speċifiċi għall-protezzjoni tad-data bil-potenzjal li jkollha impatt negattiv mhux biss fuq id-dritt tal-persuni fiżiċi għall-protezzjoni tad-data personali tagħhom, iżda wkoll fuq drittijiet u libertajiet<sup>6</sup> oħra bħad-dritt ta’ nondiskriminazzjoni, id-dritt għall-integrità tal-persuna, id-dritt għal-libertà u għas-sigurtà, u d-dritt għall-espressjoni libera u għall-informazzjoni.
5. B’rikonoxximent tal-importanza ta’ approċċ konsistenti fil-livell tal-UE dwar is-suġġett tal-assigurazzjoni tal-età, l-EDPB jixtieq jipprovd ꝑwida speċifika u prinċipji ta’ livell għoli li jirriżultaw mill-GDPR li għandhom jitqiesu meta d-data personali tiġi pproċessata fil-kuntest tal-assigurazzjoni tal-età.
6. Il-prinċipji proposti jfittxu li jirrikonċiljaw il-protezzjoni tat-tfal u l-protezzjoni tad-data personali fil-kuntest tal-assigurazzjoni tal-età.
7. Ingħatat priorità biex jiġu indirizzati r-rekwiżiti li jikkonċernaw il-prinċipji ewlenin iddikjarati fl-Artikolu 5 tal-GDPR (il-legalità, il-ġustizzja, it-trasparenza, il-limitazzjoni tal-fini, il-minimizzazzjoni tad-data, il-preċiżjoni, il-limitazzjoni tal-ħażna, il-kunfidenzjalità, l-integrità, u r-responsabbiltà), u sabiex jiġi żgurat li dawn il-prinċipji tal-protezzjoni tad-data jiġu implementati kif xieraq u jibqgħu robusti maż-żmien, kif stabbilit skont l-Artikolu 25 tal-GDPR “Protezzjoni ta’ data mid-disinn u b’mod awtomatiku” u l-Artikolu 32 tal-GDPR “Sigurtà tal-ipproċessar”.
8. Din id-dikjarazzjoni hija ffukata fuq il-prinċipji applikabbi għal każiġiet differenti ta’ użu online, inkluż meta tkun preskritta età minima mil-liġi jew b’xi mod ieħor għax-xiri ta’ prodotti, għall-użu ta’ servizzi li jistgħu jagħmlu ħsara lit-tfal jew għat-twettiq ta’ atti legali; u meta jkun hemm dmir ta’ diliġenza sabiex jiġu protetti t-tfal (pereżempju, sabiex jiġi żgurat li s-servizzi jitfasslu jew jiġu offruti b’mod adattat għall-età).
9. L-EDPB jista’ jikkunsidra wkoll li joħroġ – meta jkun rilevanti u f’dokumenti oħra – ꝑwida addizzjonali dwar każiġiet ta’ użu speċifiċi.

---

<sup>5</sup> Raiz Shaffique, M., u van der Hof, S. (2024). Mapping age assurance typologies and requirements. Rapport ta’ riċerka, Parti mill-proġett Internet Aħjar għat-Tfal (BIK, Better Internet for Kids) ikkoordinat mill-European Schoolnet (EUN) u kkummissjonat mill-Kummissjoni Ewropea.

<sup>6</sup> Dwar l-impatt potenzjali tal-assigurazzjoni tal-età fuq id-drittijiet u l-libertajiet, ara, pereżempju: “Roadmap for age verification” (il-Kummissarju Awstraljan għas-Sikurezza Elettronika, 2023) <https://www.esafety.gov.au/sites/default/files/2023-08/Age-verification-background-report.pdf?v=1731644498261>, “A safe internet by default for children and the role of age verification” (AEPD, 2024) <https://www.aepd.es/guides/technical-note-safe-internet-by-default-for-children.pdf> jew “Trustworthy Age Assurance?”, studju kkummissjonat mill-Grupp tal-ħodor/AHHE dwar l-Ekonomija Ekoloġika u Soċċali fil-Parlament Ewropew (2024) <https://www.greens-efa.eu/en/article/document/trustworthy-age-assurance>

## 2. PRINCIPI GĦAT-TFASSIL TA' ASSIGURAZZJONI TAL-ETÀ KONFORMI MAL-GDPR

### 2.1 Tgawdija sħiħa u effettiva tad-drittijiet u tal-libertajiet

*L-assigurazzjoni tal-età trid tirrispetta l-komplement sħiħ ta' drittijiet u libertajiet fundamentali tal-persuni fiżiċi<sup>7</sup>, u l-aħjar interassi tat-tfal għandhom ikunu kunsiderazzjoni primarja għall-partijiet kollha involuti fil-proċess.*

10. Meta jimplimentaw l-assigurazzjoni tal-età, il-fornituri ta' servizzi għandhom jiżguraw li jqisu mhux biss l-impatt fuq id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali, iżda fuq id-drittijiet fundamentali kollha tal-persuni fiżiċi.
11. Fil-każ speċifiku tat-tfal, l-aħjar interassi tat-tfal<sup>8</sup> għandhom ikunu kunsiderazzjoni primarja għall-partijiet kollha involuti fl-assigurazzjoni tal-età. Huwa importanti li wieħed jinnota li ma hemm l-ebda ġerarkija fil-kunsiderazzjoni tal-aħjar interassi tat-tfal, u għandhom jitqiesu ddrittijiet kollha tat-tfal<sup>9</sup> inkluż id-dritt tagħhom għall-protezzjoni tad-data personali, il-protezzjoni mill-vjolenza u l-forom l-oħra kollha ta' sfruttament biex jaċċessaw informazzjoni minn diversi sorsi u biex il-fehmiet tagħhom jingħataw il-piż dovut.

### 2.2 Valutazzjoni bbażata fuq ir-riskju tal-proporzjonalità tal-assigurazzjoni tal-età

*L-assigurazzjoni tal-età għandha dejjem tiġi implementata b'mod proporzjonat u bbażat fuq ir-riskju li jkun kompatibbi mad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi.*

12. Il-fornituri ta' servizzi għandhom jadottaw approċċ ibbażat fuq ir-riskju meta jfasslu u joperaw is-servizzi tagħhom. Il-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-użu ta' miżuri ta' sikurezza bħall-assigurazzjoni tal-età għandhom jintwerew, filwaqt li jitqiesu r-riskji assoċjati. Il-ħtieġa tista' tintwera billi titwettaq valutazzjoni<sup>10</sup> sabiex jiġu identifikati u evalwati r-riskji li servizz partikolari joħloq għat-tfal<sup>11</sup>, bħall-esponenti għal kuntatt jew kontenut ta' ħsara. Bħala parti minn din il-valutazzjoni, il-fornituri ta' servizzi jistgħu jikkunsidraw ukoll id-drittijiet tat-tfal, l-opportunitajiet ipprovduti mill-ambjent digħiġi, il-fehmiet tat-tfal kif ukoll il-kapaċitajiet tagħhom li jevolvu sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni adattata għall-età<sup>12</sup>.
13. Il-fornituri tas-servizzi jridu jirrispettaw ukoll id-drittijiet u l-libertajiet tal-utenti tagħhom, inkluż id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali tagħhom, filwaqt li jibbilanċjawhom mal-

<sup>7</sup> B'mod partikolari, id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal.

<sup>8</sup> Il-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal iċċara li l-prinċipju tal-aħjar interassi “għandu l-ġħan li jiżgura t-tgawdja kemm sħiħa kif ukoll effettiva tad-drittijiet kollha rikonoxxuti fil-Konvenzjoni u l-iżvilupp olistiku tat-tfal”. Il-Kumment Ġenerali Nru 14 (2013) dwar id-dritt tat-tfal li l-aħjar interassi tagħhom jitqiesu bħala kunsiderazzjoni primarja (l-artikolu 3, il-paragrafu 1), [https://www2.ohchr.org/English/bodies/crc/docs/GC/CRC\\_C\\_GC\\_14\\_ENG.pdf](https://www2.ohchr.org/English/bodies/crc/docs/GC/CRC_C_GC_14_ENG.pdf)

<sup>9</sup> Il-Kumment Ġenerali Nru 25 (2021) dwar id-drittijiet tat-tfal fir-rigward tal-ambjent digħiġi, OHCHR, Marzu 2021.

<sup>10</sup> Pereżempju, Valutazzjoni tal-Impatt fuq id-Drittijiet tat-Tfal (“CRIA”, Child Rights Impact Assessment), li tista’ tkun parti minn valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data (DPIA, Data Protection Impact Assessment) jew le.

<sup>11</sup> L-esperti fil-qasam tad-drittijiet tat-tfal enfasizzaw il-benefiċċċi tal-użu tal-Valutazzjonijiet tal-impatt fuq id-Drittijiet tat-Tfal (CRIA) bħala għoddha effettiva “għat-traduzzjoni tal-Konvenzjoni [dwar id-Drittijiet tat-Tfal] u l-Artikolu 3 tagħha, dwar l-għoti ta’ priorità lill-aħjar interassi tat-tfal, fil-prattika b'mod konkret u strutturat” (Mukherjee, S., Pothong, K., u Livingstone, S. (2021). Valutazzjoni tal-impatt fuq id-Drittijiet tat-Tfal: Għoddha sabiex jinkisbu d-drittijiet tat-tfal fl-ambjent digħiġi. Londra: 5Rights Foundation). Barra minn hekk, il-Kumitat tan-NU appella lill-Istati sabiex jawtorizzaw l-użu ta’ CRIAs biex id-drittijiet tat-tfal jiġu inkorporati fir-regolamentazzjoni u t-tfassil tal-ambjent digħiġi.

<sup>12</sup> Il-Kumment Ġenerali Nru 25 (2021) dwar id-drittijiet tat-tfal fir-rigward tal-ambjent digħiġi, OHCHR, Marzu 2021.

ħtieġa għal miżuri ta' sikurezza li jenħtieġ li dejjem ikunu l-inqas intrużivi minn dawk disponibbli u li jenħtieġ li jkunu dejjem effettivi. F'ħafna każijiet, l-assigurazzjoni tal-età toħloq riskju għoli għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data, li għalhekk ikun jirrikjedi li titwettaq Valutazzjoni tal-Impatt fuq il-Protezzjoni tad-Data ("DPIA", l-Artikolu 35 tal-GDPR) qabel l-ipproċessar, filwaqt li jitqiesu n-natura, il-kamp ta' applikazzjoni, il-kuntest u l-finijiet tal-ipproċessar. Id-DPIA għandha tinkludi deskrizzjoni sistematika tal-operazzjonijiet ta' pproċessar previsti u l-iskopijiet tal-ipproċessar, inkluż fejn applikabbi l-interess leġittimu mfitteż mill-kontrollur. Jenħtieġ li jkun fih ukoll valutazzjoni tan-neċċessità u l-proporzjonalità tal-ipproċessar, jidher jaġi r-riskji li jirriżultaw mill-ipproċessar ta' data personali għall-fini ta' assigurazzjoni tal-età u jinkludi miżuri biex jittaffew dawk ir-riskji<sup>13</sup>.

14. Id-DPIA għandha tiggwida t-tfassil u l-implementazzjoni ta' miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa għall-konformità mal-protezzjoni tad-data. Dan l-approċċi ibbażat fuq ir-riskju huwa kruċjali meta tiġi bbilanċjata l-interferenza potenzjali mad-drittijiet u mal-libertajiet tal-persuni fiżiċi mal-objettiv maħsub f'dan il-kuntest partikolari, jiġifieri s-sikurezza tat-tfal. L-ambitu, il-firxa u l-intensità ta' din l-interferenza f'termini ta' impatt fuq id-drittijiet u l-libertajiet iridu dejjem jiġu vvalutati bir-reqqa<sup>14</sup>. Pereżempju, fornitur ta' servizz li jipproċessa data personali sabiex jivverifika l-età tal-utenti kollha tiegħu meta jaċċessa l-kontenut jew is-servizzi kollha tiegħu, anke meta l-kontenut jew is-servizzi jkunu adatti għall-udjenzi kollha u mingħajr ebda riskju, ma jgħaddix mit-testijiet tan-neċċessità u tal-proporzjonalità.

### 2.3 Prevenzjoni tar-riskji għall-protezzjoni tad-data

*L-assigurazzjoni tal-età ma għandhiex twassal għal riskji bla bżonn għall-protezzjoni tad-data għall-persuni fiżiċi. B'mod partikolari, l-assigurazzjoni tal-età ma għandhiex tipprovdi mezzi addizzjonali għall-fornituri ta' servizzi sabiex jidentifikaw, isibu, ifasslu profil jew jittraċċaw persuni fiżiċi.*

15. Il-fornituri ta' servizzi u kwalunkwe parti terza involuta fl-assigurazzjoni tal-età għandhom jimplimentaw miżuri u salvagwardji effettivi sabiex jipprevju li dan il-proċess jikkawża riskji bla bżonn għall-protezzjoni tad-data bħal dawk li jirriżultaw mill-identifikazzjoni, il-lokalizzazzjoni, it-tfassil ta' profili, jew it-traċċar ta' persuni fiżiċi. L-ipproċessar ta' data personali għall-assigurazzjoni tal-età ma għandux jipprovdi mezzi addizzjonali sabiex jiġu ssodisfati finiżiet mhux relatati mal-assigurazzjoni tal-età nnifisha. Dan jirrikjedi l-għażla ta' approċċi tal-assigurazzjoni tal-età li jikkonformaw bis-sħieħ mal-prinċipju tal-protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku (ara t-taqṣima 2.8) u miżuri ta' implementazzjoni li jiggħarantixx l-prinċipju tal-ġustizzja, filwaqt li jiżguraw li d-data personali ma tigħix ipproċcessata b'mod li jkun ta' detriment ingħustifikabbi, illegalment diskriminatorju, mhux mistenni jew qarrieqi għas-suġġetti tad-data.
16. Pereżempju, persuna fiżika meħtieġa tivverifika l-età tagħha sabiex taċċessa kontenut għall-adulti ma tistenniex li l-fornitur ta' servizz juża assigurazzjoni tal-età sabiex jiddetermina l-identità jew il-post ġeografiku preċiż tiegħu jew biex jimmonitorja, jevalwa jew jiddeduċi aspetti personali tal-identità tagħha. Dan il-fatt huwa partikolarmen rilevanti għall-

<sup>13</sup> Il-Linji Gwida tal-EDPB dwar Valutazzjoni tal-Impatt fuq il-Protezzjoni tad-Data (DPIA) u d-determinazzjoni ta' jekk l-ipproċessar "x'aktarx jirriżulta f'riskju għoli" għall-finijiet tar-Regolament 2016/679, <https://ec.europa.eu/newsroom/article29/items/611236/en>

<sup>14</sup> Il-Linji Gwida tal-EDPS dwar il-valutazzjoni tal-proporzjonalità ta' miżuri li jillimitaw id-drittijiet fundamentali għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-data personali, [https://www.edps.europa.eu/sites/default/files/publication/19-02-25\\_proportionality\\_guidelines\\_en.pdf](https://www.edps.europa.eu/sites/default/files/publication/19-02-25_proportionality_guidelines_en.pdf)

konformità mal-principi tal-protezzjoni tad-data skont l-Artikolu 5(1) tal-GDPR, inklużi l-ġustizzja, it-trasparenza u l-limitazzjoni tal-fini, u r-regoli skont l-Artikolu 6(4) tal-GDPR relatati mal-użi sussegwenti tad-data personali. Bi-istess mod, skont il-principi tal-limitazzjoni tal-fini u l-minimizzazzjoni tad-data skont l-Artikolu 5(1) tal-GDPR, il-proċess tal-assigurazzjoni tal-età ma għandux jippermetti li jkun immirat aktar lejn l-utenti jew jippermetti t-tfassil ta' profili tal-utenti, inkluż kemm għall-immirar kummerċjali (eż. reklami personalizzati) kif ukoll għall-immirar malizzjuż (eż. il-grooming, il-bullying, l-istalking jew il-fastidju). L-EDPB ifakkar li, skont il-Premessa 75 tal-GDPR, jista' jkun hemm riskji partikolari għad-drittijiet tal-protezzjoni tad-data meta d-data personali tkun relatata ma' persuni fiziċċi vulnerabbi, b'mod partikolari tat-tfal. B'mod ġenerali, ma għandux ikun possibbli li wieħed jitgħallem aktar milli meħtieġ dwar persuna fiziċċa u l-azzjonijiet tagħha billi jfassal profili ta' din il-persuna abbażi tal-informazzjoni użata fil-proċess tal-assigurazzjoni tal-età. Dan għandu jiġi żgurat, kemm jista' jkun, anke f'każ ta' ksur ta' data.

17. Għandhom jiġu evitati sitwazzjonijiet ta' żbilanċ tal-poter sabiex il-fornituri ta' servizzi ma jkunux jistgħlu jġiegħlu lill-individwi jiffaċċjaw riskji bla bżonn għall-protezzjoni tad-data minħabba n-nuqqas ta' kapaċità li tittieħed azzjoni tagħhom<sup>15</sup>. Meta dan ma jkunx possibbli, dawn is-sitwazzjonijiet għandhom jiġu rikonoxxuti u kontabilizzati b'kontromiżuri xierqa<sup>16</sup>. Pereżempju, alternattivi vijabbli sabiex jagħtu prova tal-età tagħhom għandhom jiġu pprovduti lill-utenti li ma jistgħux jew ma jixtiq x Jużaw metodu spċificu ta' assigurazzjoni tal-età. Barra minn hekk, il-fornituri ta' servizzi għandhom jivvalutaw regolarmen jekk il-metodi u t-teknoloġiji magħażu, inklużi dawk ipprovduti minn partijiet terzi, humiex qed jaħdmu f'konformità mal-għanijiet tagħhom u jaġġustawhom sabiex jiġuraw il-ġustizzja fl-ipproċessar. Il-partijiet terzi involuti fl-assigurazzjoni tal-età għandhom ifittxu wkoll li jappoġġjaw lill-fornituri ta' servizzi sabiex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom, billi ma jinntroduc ux-riskji bla bżonn għall-protezzjoni tad-data u billi jinnotifikaw fil-ħin kwalunkwe bidla rilevanti fil-politiki, fid-disinni, fis-servizzi tagħhom, eċċ.

## 2.4 Limitazzjoni tal-iskop u minimizzazzjoni tad-data

*Il-fornituri tas-servizzi u kwalunkwe parti terza involuta fl-assigurazzjoni tal-età jenħtieġ li jipproċessaw biss l-attributi relatati mal-età li huma strettament meħtieġa għall-iskop spċifikat, espliċitu u leġġitimu tagħhom.*

18. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, l-ġhan tal-assigurazzjoni tal-età huwa li jittieħdu deċiżjonijiet dwar il-kontroll tal-aċċess relatati mal-età, tiġi evitata īxsara online għat-tfal, jiġi offrut disinn jew esperjenza xierqa skont l-età, eċċ. Irrispettivament mill-każ ta' użu, l-iskop tal-ipproċessar tad-data personali għandu jkun spċificu u espliċitu (l-Artikolu 5(1)(b) tal-GDPR). Ladarba tingābar id-data personali, din ma għandhiex tiġi pproċessata ulterjorment jew ikkombinata ma' data addizzjonali b'mod li jkun inkompatibbi ma' dawk il-finijiet. Jenħtieġ li jintużaw miżuri tekniċi bħaq-Teknoloġiji li Jtejbu l-Privatezza (“PETs”) biex tiġi limitata l-possibbiltà li d-data personali

---

<sup>15</sup> Pereżempju, meta s-suġġetti tad-data jiffaċċjaw teħid awtomatizzat ta' deċiżjonijiet mingħajr mekkaniżmi ta' rimedju xierqa jew meta l-kunsens ma jkunx jista' jingħata b'mod liberu. Il-kunċett ta' “Żbilanċ tal-poter” huwa diskuss fl-Opinjoni tal-EDPB 08/2024 dwar Kunsens Validu fil-Kuntest ta' Mudelli ta' Ħallas jew Ikkonsenti Implementati minn Pjattaformi Online Kbar (it-taqṣima 4.2.1.3), [https://www.edpb.europa.eu/system/files/2024-11/edpb\\_opinion\\_202408\\_consentorpay\\_mt.pdf](https://www.edpb.europa.eu/system/files/2024-11/edpb_opinion_202408_consentorpay_mt.pdf)

<sup>16</sup> Mil-Linji Gwida 03/2022 tal-EDPB dwar Disinni qarrieqa fl-interfaċċi tal-pjattaformi tal-media soċċjali: kif tagħraf u tevitahom (taqṣima 2.3), Verżjoni 2.0, [https://www.edpb.europa.eu/system/files/2023-02/edpb\\_03-2022\\_guidelines\\_on\\_deceptive\\_design\\_patterns\\_in\\_social\\_media\\_platform\\_interfaces\\_v2\\_en\\_0.pdf](https://www.edpb.europa.eu/system/files/2023-02/edpb_03-2022_guidelines_on_deceptive_design_patterns_in_social_media_platform_interfaces_v2_en_0.pdf)

tingħata skop ġdid. Jenħtieġ li jintużaw ukoll miżuri organizzattivi, bħal politiki u obbligi kuntrattwali, li jillimitaw l-użu mill-ġdid ta' data personali<sup>17</sup>.

19. Attribut relatat mal-età huwa kwalunkwe attribut li jindika li persuna fiżika hija ċerta età, il-fuq minn jew taħt ċerta età jew fi grupp ta' età. L-ispeċifikazzjoni tal-iskop se tiddetermina l-attributi rilevanti u meħtieġa relatati mal-età li għandhom jingħabru. Din se tippermetti wkoll lill-kontrollur jivaluta l-proporzjonalità tal-proċess tal-assigurazzjoni tal-età. Il-vantaġġi li jirriżultaw minn dan il-proċess ma għandhomx jingħelbu minn kwalunkwe żvantaġġ li jikkonċerna l-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali<sup>18</sup> (ara t-taqSIMA 2.2 hawn fuq).
20. Għalhekk, il-kontrollur għandu jiġbor biss data personali li tkun meħtieġa, adegwata u rilevanti għall-finijiet intiżi. B'dan il-mod, il-minimizzazzjoni tad-data tgħin biex jiġu ssostanzjati u jitħaddmu l-prinċipji tan-neċessità<sup>19</sup> u tal-proporzjonalità. Pereżempju, il-fornitur ta' servizz jista' jkollu bżonn ikun jaf biss jekk l-utent ikunx 'il fuq minn jew taħt il-limitu tal-età. Dan jista' jiġi implementat permezz ta' approċċi bit-tokens ibbażat fuq il-parċeċċipazzjoni ta' fornitur terz, li fih il-fornitur ta' servizzi jara biss ir-riżultat funzjonali tal-proċess tal-assigurazzjoni tal-età (eż. “il fuq minn” jew “taħt” il-limitu tal-età)<sup>20</sup>. Approċċi differenti jistgħu jkunu rilevanti meta l-fornitur ta' servizz jeħtieġ li jkun jaf jekk l-utent huwiex fi grupp ta' età partikolari jew twieled f'sena spċifika.

## 2.5 Effettività tal-assigurazzjoni tal-età

*L-assigurazzjoni tal-età għandha b'mod ċar tikseb livell ta' effettività adegwat għall-iskop li għalih titwettaq.*

21. Il-mezzi li bihom titwettaq l-assigurazzjoni tal-età għandhom ikunu adegwati biex jintlaħaq l-ġhan tal-ipproċessar. B'mod partikolari, l-effettività ta' kwalunkwe miżura ta' assigurazzjoni tal-età awtorizzata legalment jenħtieġ li titqies bħala prekundizzjoni biex jiġu ssodisfati l-prinċipji tan-neċessità<sup>21</sup> u tal-proporzjonalità<sup>22</sup>.
22. L-effettività tal-assigurazzjoni tal-età għandha tiġi evalwata fuq diversi aspetti, inklużi:
  - a) L-aċċessibbiltà. L-assigurazzjoni tal-età għandha tkun aċċessibbli b'mod wiesa' għall-persuni fiżiċi sabiex jivverifikaw l-età tagħhom jew jagħtu prova li jissodisfaw rekwiżit relatat mal-età. Meta ċerti kategoriji ta' individwi jkunu f'riskju li jiġu diskriminati b'metodu spċificu ta' assigurazzjoni tal-età, pereżempju minħabba li ma jkollhomx dokument tal-identità jew mowbajl xieraq jew minħabba diżabbiltà, għandhom ikunu

<sup>17</sup> Mil-Linji Gwida 4/2019 tal-EDPB dwar il-Protezzjoni tad-Data mid-Disinn u b'Mod Awtomatiku skont l-Artikolu 25, Verżjoni 2.0, [https://www.edpb.europa.eu/system/files/2021-04/edpb\\_guidelines\\_201904\\_dataprotection\\_by\\_design\\_and\\_by\\_default\\_v2.0\\_mt.pdf](https://www.edpb.europa.eu/system/files/2021-04/edpb_guidelines_201904_dataprotection_by_design_and_by_default_v2.0_mt.pdf)

<sup>18</sup> Mil-Linji Gwida tal-EDPS dwar il-valutazzjoni tal-proporzjonalità ta' miżuri li jillimitaw id-drittijiet fundamentali għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-data personali, [https://www.edps.europa.eu/sites/default/files/publication/19-02-25\\_proportionality\\_guidelines\\_en.pdf](https://www.edps.europa.eu/sites/default/files/publication/19-02-25_proportionality_guidelines_en.pdf)

<sup>19</sup> Mis-sett ta' ġħodod tal-EDPS għall-Valutazzjoni tal-ħtieġa ta' miżuri li jillimitaw id-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-data personali, [https://www.edps.europa.eu/sites/default/files/publication/17-06-01\\_necessity\\_toolkit\\_final\\_en.pdf](https://www.edps.europa.eu/sites/default/files/publication/17-06-01_necessity_toolkit_final_en.pdf)

<sup>20</sup> Fornitur terz iwettaq kontroll tal-età u jipprovd iċċi l-utent jista' jippreżenta lill-fornitur ta' servizz mingħajr il-ħtieġa li jerġa' jagħti prova tal-età tiegħu. It-token tal-età jista' jkun fih attributi differenti tal-utent u dwar meta, fejn jew kif twettaq il-kontroll tal-età.

<sup>21</sup> Mis-sett ta' ġħodod tal-EDPS għall-Valutazzjoni tal-ħtieġa ta' miżuri li jillimitaw id-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-data personali, [https://www.edps.europa.eu/sites/default/files/publication/17-06-01\\_necessity\\_toolkit\\_final\\_en.pdf](https://www.edps.europa.eu/sites/default/files/publication/17-06-01_necessity_toolkit_final_en.pdf)

<sup>22</sup> Linji gwida dwar il-valutazzjoni tal-proporzjonalità ta' miżuri li jillimitaw id-drittijiet fundamentali għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-data personali, [https://www.edps.europa.eu/sites/default/files/publication/19-02-25\\_proportionality\\_guidelines\\_en.pdf](https://www.edps.europa.eu/sites/default/files/publication/19-02-25_proportionality_guidelines_en.pdf)

- disponibbli metodi alternattivi għall-assigurazzjoni tal-età, meta jkun raġonevolment possibbli, b'livelli adegwati ta' privatezza, sikurezza u sigurtà. Is-soluzzjonijiet tal-assigurazzjoni tal-età għandhom jikkonformaw ukoll ma' kwalunkwe leġiżlazzjoni applikabbli dwar l-aċċessibbiltà<sup>23</sup>.
- b) L-affidabbiltà. Skont il-prinċipju tal-preċiżjoni (l-Artikolu 5(1) (d) tal-GDPR), kwalunkwe metodu li l-fini tiegħu hija li jiddetermina jekk persuna fiziċċa tissodisfax rekwiżit relatax mal-età għandu jiprovdli livell adegwat u konsistenti ta' preċiżjoni meta jiġi ddeterminat jekk tissodisfax dan ir-rekwiżit jew le. Għandhom ikunu disponibbli mekkaniżmi ta' rimedju xierqa, b'mod partikolari meta l-utenti jistgħu jiġu affettwati b'mod sinifikanti minn teħid awtomatizzat ta' deċiżjonijiet, bħal meta l-attributi tagħhom relatati mal-età ma jkunux ġew stabbiliti kif xieraq (ara t-taqSIMA 2.7 hawn taħt).
  - c) Ir-robustezza. L-assigurazzjoni tal-età għandha tkun tista' tittratta sitwazzjonijiet mhux mistennija u tirreżisti tentattivi raġonevolment probabbli li jqarrqu jew iduru mas-sistema. Ta' min jinnota li r-robustezza ffit li xejn għandha tifsira fil-kuntest tal-awtodikjarazzjoni ta' attribut relatax mal-età, peress li l-affidabbiltà ta' tali metodu tiddependi l-aktar fuq l-avvjament tal-utent<sup>24</sup>.

Barra minn hekk, il-fornituri ta' servizzi li jimplimentaw l-assigurazzjoni tal-età u kwalunkwe parti terza involuta fil-proċess għandhom ikunu jistgħu juru l-effettività tiegħu u jkunu trasparenti dwar il-mezzi li bihom jilħqu livelli xierqa ta' aċċessibbiltà, affidabbiltà u robustezza (ara t-taqSIMA 2.10).

## 2.6 Legalità, ekwidità u trasparenza

*Il-fornituri ta' servizzi u kwalunkwe parti terza involuta fl-assigurazzjoni tal-età għandhom jiżgħi raw li l-ipproċċessar ta' kwalunkwe data personali għall-finijiet tal-assigurazzjoni tal-età jkun legali, ġust u trasparenti għall-utenti.*

- 23. Il-fornituri ta' servizzi jeħtiġilhom jiżgħi raw li jkollhom bażi legali applikabbli skont l-Artikolu 6 tal-GDPR (u, jekk rilevanti, l-eċċeżżjoni applikabbli stabbilita fl-Artikolu 9(2)) sabiex jipproċċessaw id-data personali fil-kuntest tal-assigurazzjoni tal-età. Pereżempju, jista' jkollhom bżonn jużaw assigurazzjoni tal-età sabiex jikkonformaw ma' obbligu legali (l-Artikolu 6(1)(c) tal-GDPR), filwaqt li jqisu li l-assigurazzjoni tal-età trid tkun proporzjonata għall-objettiv leġittimu segwit u għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 6(3) tal-GDPR.
- 24. Barra minn hekk, il-fornituri ta' servizzi jeħtiġilhom jkunu trasparenti mal-utenti dwar kif qed tintuża eżattament id-data personali tagħhom u minn min. Dan huwa partikolarmen importanti meta jkun hemm diversi partijiet involuti fil-proċess tal-assigurazzjoni tal-età. Qabel ma tiġi pproċċessata kwalunkwe data personali għall-finijiet tal-assigurazzjoni tal-età, l-

---

<sup>23</sup> Pereżempju, l-aċċessibbiltà tas-siti web tas-settur pubbliku u tal-applikazzjonijiet mobbli u l-aċċessibbiltà tal-prodotti u tas-servizzi huma previsti bid-Direttiva dwar l-Aċċessibbiltà għall-Web (WAD, Web Accessibility Directive) u l-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà (EAA, European Accessibility Act) rispettivament. Is-soluzzjonijiet tal-assigurazzjoni tal-età jridu jiżgħi raw li jikkonfermaw ma' dawn il-leġiżlazzjoni, billi jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-istandard Ewropew armonizzat dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi tal-ICT, EN 301 549 v3.2.1.

<sup>24</sup> L-EDPB preċedentement esprima dubji serji dwar l-effettività tal-awtodikjarazzjoni bħala metodu ta' verifika tal-età fil-kuntest tal-ipproċċessar ta' riskju għoli fid-Deċiżjoni Vinkolanti 2/2023 dwar it-tilwima sottomessa mill-SA Irlandiża rigward TikTok Technology Limited (l-Artikolu 65 tal-GDPR), [https://www.edpb.europa.eu/system/files/2024-11/edpb\\_bindingdecision\\_202302\\_ie\\_sa\\_ttl\\_children\\_mt.pdf](https://www.edpb.europa.eu/system/files/2024-11/edpb_bindingdecision_202302_ie_sa_ttl_children_mt.pdf)

utenti jeħtiġilhom jiġu infurmati (skont l-Artikoli 12, 13 u 14 tal-GDPR), fost affarrijiet oħra, dwar<sup>25</sup>:

- liema data personali se tiġi pproċessata u kif;
- jekk partijiet terzi humiex se jkunu involuti fil-proċess, u jekk iva, min huma u min huma l-kontrolluri u l-proċessuri f'dan ix-xenarju;
- jekk id-data tagħhom hijex se tiġi kondiviża ma' oħrajn jew trasferita lejn pajjiż terz;
- kemm se ddum tinżamm id-data personali tagħhom jew, jekk dan ma jkunx possibbli, il-kriterji biex jiġi ddeterminat il-perjodu ta' żamma;
- x'inħuma d-drittijiet tagħhom fir-rigward tad-data personali tagħhom (l-Artikoli 15 sa 22 tal-GDPR), inkluż kif jistgħu jikkontestaw deċiżjoni żbaljata meħuda bħala riżultat tal-assigurazzjoni tal-età.

25. It-trasparenza fil-kuntest tal-assigurazzjoni tal-età hija partikolarment importanti fir-rigward tat-tfal. Il-fornituri ta' servizzi jeħtiġilhom jiżguraw li jgħaddu informazzjoni dwar it-trasparenza lit-tfal, meta jkunu kkonċernati, b'mod li jkun ċar u faċli għalihom biex jifhmu.
26. Il-kunċett ta' trasparenza huwa fundamentalment marbut mal-ġustizzja. Jekk il-fornituri ta' servizzi ma jkunux ċari u trasparenti dwar kif qed jipproċessaw l-informazzjoni ta' persuni fiżiċi għall-assigurazzjoni tal-età, huwa improbabbli li dan l-ipproċessar jista' jitqies ġust, li min-naħħa tiegħi jagħmilha improbabbli li dan l-ipproċessar ikun legali. B'mod partikolari, jekk fornitur joffri metodi differenti għall-utenti biex jivverifikaw l-età tagħhom, dawn għandhom ikunu trasparenti dwar l-impatt li kull metodu jkollu minn perspettiva ta' protezzjoni tad-data.

## 2.7 Teħid awtomatizzat ta' deċiżjonijiet

*Kwalunkwe okkorrenza ta' teħid awtomatizzat ta' deċiżjonijiet fil-kuntest tal-assigurazzjoni tal-età għandha tikkonforma mal-GDPR. Jekk applikabbi, il-fornituri ta' servizzi u kwalunkwe parti terza involuta għandhom jipprovdu miżuri xierqa biex jissalvagħwardjaw id-drittijiet u l-libertajiet u l-interessi leġġittimi tal-persuni fiżiċi.*

27. Il-leġiżlatur tal-UE għażżeż definizzjoni wiesgħa ta' teħid awtomatizzat ta' deċiżjonijiet li jeħtieġ eżami fuq bażi ta' każ b'każ<sup>26</sup>. Id-deċiżjonijiet awtomatizzati jistgħu jiġu involuti fi stadji differenti fil-proċess tal-assigurazzjoni tal-età, jew għall-aċċess tal-kontenut jew ta' servizz, jew permezz tal-metodi użati biex juru l-età.
28. L-assigurazzjoni tal-età kompletament awtomatizzata tista' tipproducċi effetti legali fuq il-persuni fiżiċi kkonċernati — pereżempju fuq l-eżerċizzu tal-libertà ta' espressjoni tagħhom — jew, tal-anqas, tista' taffettwahom b'mod sinifikanti b'mod simili<sup>27</sup>. L-effett tal-assigurazzjoni

<sup>25</sup> Ara l-Linji Gwida tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar it-trasparenza skont ir-Regolament 2016/679, [https://www.edpb.europa.eu/system/files/2023-09/wp260rev01\\_mt.pdf](https://www.edpb.europa.eu/system/files/2023-09/wp260rev01_mt.pdf)

<sup>26</sup> Il-Kawża C-634/21, SCHUFA Holding (Scoring): Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tas-7 ta' Diċembru 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Verwaltungsgericht Wiesbaden – il-Ġermanja) – OQ vs Land Hessen (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali – Regolament (UE) 2016/679 – Artikolu 22 – Deċiżjoni individwali awtomatizzata – Kumpanniji li jipprovdu informazzjoni kummerċjali – Tfassil awtomatizzat ta' valur ta' probabbiltà fir-rigward tal-kapaċità ta' persuna li tonora impenji ta' pagament fil-futur (“scoring”) – Użu ta’ dan il-valur ta’ probabbiltà minn terzi), <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A62021CA0634>

<sup>27</sup> Il-Linji Gwida dwar it-Teħid ta' deċiżjonijiet individwali awtomatizzati u t-Tfassil ta' profili għall-finijiet tar-Regolament 2016/679, <https://ec.europa.eu/newsroom/article29/items/612053/en>

awtomatizzata tal-età fuq id-drittijiet tal-persuni fiżiċi jista' jvarja skont it-tip ta' kontenut jew servizzi involuti.

29. Għalhekk, il-fornituri ta' servizzi u kwalunkwe parti terza involuta fl-assigurazzjoni tal-età għandhom jipprovdu rimedji u mekkaniżmi ta' rimedju xierqa għall-utenti li l-attributi relatati mal-età tagħhom ma jkunux stabbiliti kif xieraq. Skont l-arkitettura tal-proċess tal-assigurazzjoni tal-età, jeħtiġilhom jidentifikaw min għandu jikkuntattja s-suġġett tad-data biex jeżerċita d-drittijiet tiegħu<sup>28</sup>.
30. Il-fornituri ta' servizzi u kwalunkwe parti terza involuta għandhom jagħtu attenzjoni partikolari fir-rigward tat-tfal. Kif iddikjarat fil-Premessa 71 tal-GDPR, “*miżura [...] bbażata unikament fuq ipproċċassar awtomatizzat [...] li tipproducċi effetti legali [...] jew [...] b'mod ugwalment sinifikanti [...] m'għandhiex tikkonċerna tfal*”. L-eċċeżżjonijiet għal din ir-regola għandhom jibqgħu f'ċirkostanzi limitati, bħal fejn ikun meħtieġ “*biex jiġi protett il-benesseri tagħhom*”<sup>29</sup>. Fi kwalunkwe każ, il-fornituri ta' servizzi u kwalunkwe parti terza involuta għandhom jimplimentaw miżuri xierqa – eż. alternattivi vijabbbli, mekkaniżmi ta' rimedju, u, fejn applikabbli, intervent uman – b'informazzjoni adattata għat-tfal, meta kkonċernati.

## 2.8 Protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku

*L-assigurazzjoni tal-età għandha titfassal, tiġi implementata u evalwata filwaqt li jitqiesu l-aktar metodi u teknoloġiji disponibbli li jippreservaw il-privatezza sabiex jiġu ssodisfati r-rekiżi tal-GDPR u jiġu protetti b'mod effettiv id-drittijiet tas-suġġetti tad-data.*

31. Skont l-Artikolu 25 tal-GDPR, il-kontrolluri tad-data involuti fl-assigurazzjoni tal-età għandhom jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa u salvagwardji meħtieġa biex jipprovdu implementazzjoni effettiva tal-prinċipji kollha tal-protezzjoni tad-data u, konsegwentement, tad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data. Ir-rekiżi għall-kontrolluri li l-protezzjoni tad-data titqies b'mod awtomatiku fl-istadju tad-disinn ta' kwalunkwe attivitā ta' pproċċassar ta' data personali japplika wkoll għall-proċċessuri u matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-ipproċċassar.
32. Meta jitqiesu d-diversità u s-severità tar-riskji assoċjati mas-sistemi tal-assigurazzjoni tal-età, speċjalment meta jiġi pproċċessati dokumenti tal-identità jew kategoriji speċjali ta' data personali bħal data bijometrika, għandha tingħata l-akbar attenzjoni sabiex jiġi evitat kwalunkwe aċċess bla bżonn għad-data personali, l-ipproċċassar, il-kondiżjoni u l-ħażin tagħha. Is-sistemi tal-assigurazzjoni tal-età u kwalunkwe strument legali jew tekniku li jistabbilixxi r-rekiżi għal tali sistemi għandhom jiġi riveduti u aġġornati regolament, jekk ikun meħtieġ, biex jitqies ix-xenarju li qed jinbidel malajr tat-teknoloġiji ta' infurzar tal-privatezza fil-qasam tal-ġestjoni tal-identitajiet digħiżi.

<sup>28</sup> Kif iddikjarat fil-linji gwida tal-EDPB (imsemmija hawn fuq): “*dawn id-drittijiet huma azzjonabbli kontra l-kontrollur li joħloq il-profil u l-kontrollur li jieħu deċiżjoni awtomatizzata dwar suġġett tad-data (kemm b'intervent uman kif ukoll mingħajru), jekk dawn l-entitajiet ma jkunux l-istess*”.

<sup>29</sup> Mil-Linji Gwida dwar it-Teħid ta' deċiżjoniċi indvidwali awtomatizzati u t-Tfassil ta' profili għall-finijiet tar-Regolament 2016/679: “*Minkejja dan, jista' jkun hemm ċirkustanzi li fihom ikun neċċessaru li l-kontrolluri jwettqu teħid ta' deċiżjoniċi ibbażat unikament fuq ipproċċassar awtomatizzat, inkluż it-tfassil ta' profili, li jkollu effetti legali jew ugwalment sinifikanti fir-rigward ta' minnorenni, pereżempju biex jiġi protett il-benesseri tagħhom*”.

33. Kif imsemmi fil-linji gwida tal-EDPB dwar il-protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku<sup>30</sup>, ir-referenza għal, fil-kuntest tal-Artikolu 25 tal-GDPR, “l-ogħla livell ta’ żvilupp tekniku” timponi obbligu fuq il-kontrolluri tad-data biex jikkunsidraw il-progress attwali fit-teknoloġija li hija disponibbli fis-suq meta jiddeterminaw il-miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa msemmija hawn fuq. L-istands, l-aħjar prattiki u l-kodiċijiet ta’ kondotta li huma rikonoxxuti mill-partijiet ikkonċernati rilevanti jistgħu jkunu ta’ għajjnuna fid-determinazzjoni ta’ tali miżuri. Madankollu, l-adegwatezza ta’ dawn il-miżuri għandha tiġi vverifikata għal kull attivitā ta’ pproċessar partikolari.
34. Konsegwentement, l-EDPB jirrakkomanda li, abbażi tal-ogħla livell ta’ żvilupp tekniku fl-assigurazzjoni tal-età fiż-żmien li thejjja dan id-dokument, tingħata kunsiderazzjoni xierqa lit-teknoloġiji u lill-arkitetturi li jiffavorixxu d-data miżmuma mill-utenti u l-ipproċessar lokali sigur (ibbażat fuq l-apparat), li jippermettu proprijetajiet bħan-nuqqas ta’ konnessjoni<sup>31</sup> (mill-perspettiva ta’ partijiet differenti u anke fil-każ ta’ kollużjonijiet jew ksur ta’ data) u l-iżvelar selettiv<sup>32</sup> tad-data personali taħt il-kontroll tas-suġġett tad-data. Barra minn hekk, l-użu ta’ approċċi bħal dawk li jiddependu fuq il-ħruġ ta’ lottijiet<sup>33</sup> ta’ kredenzjali b’użu uniku jew protokolli kriptografiċi bħal provi li juru konoxxa zero<sup>34</sup> għandu jkun disponibbli għas-suġġetti tad-data f’każijiet fejn l-assigurazzjoni tal-età tista’ tinvolvi riskji għoljin għall-privatezza tagħhom.

## 2.9 Sigurtà tal-assigurazzjoni tal-età

*Il-fornituri ta’ servizzi u kwalunkwe parti terza involuta fl-assigurazzjoni tal-età għandhom jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex jiżguraw livell ta’ sigurtà xieraq għar-riskju.*

35. Il-GDPR jirrikjedi li kemm il-kontrolluri kif ukoll il-proċessuri jkollhom fis-seħħi miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex jiżguraw livell ta’ sigurtà xieraq għar-riskju maħluq għad-data personali li tkun qed tiġi pproċessata (il-Premessa 83 u l-Artikolu 32). In-natura, is-sensittività, u l-volum tad-data personali li jistgħu jkunu involuti fl-assigurazzjoni tal-età jenfasizzaw l-effett negattiv potenzjali li jista’ jinvolvi ksur ta’ data.
36. Il-mudelli ta’ fiduċja huma kruċjali għall-prevenzjoni ta’ ksur ta’ data f’kuntesti ta’ assigurazzjoni tal-età, peress li jiddefinixxu kif il-partijiet differenti jistgħu jivverifikaw l-identitajiet u l-integrità ta’ xulxin. Dawn jiffaċilitaw il-komunikazzjoni sigura u l-iskambju ta’ data fost il-parteċipanti li jista’ ma jkollhomx relazzjonijiet preċedenti. Barra minn hekk, il-psewdonimizzazzjoni u l-criptaġġ tad-data personali jistgħu jkunu miżuri utli biex jittaffew l-effetti negattivi possibbli tal-ksur ta’ data. L-issodisfar tal-prinċipju tal-limitazzjoni tal-ħażna u l-użu ta’ perjodi qosra ta’ żamma jistgħu jkunu essenzjali wkoll għas-sigurtà fl-assigurazzjoni tal-età, u b'hekk jitnaqqas il-wiċċi tal-esponent. Politika ta’ ebda registry tista’ titqies bħala

<sup>30</sup> Il-Linji Gwida 4/2019 tal-EDPB dwar il-Protezzjoni tad-Data mid-Disinn u b'Mod Awtomatiku skont l-Artikolu 25, Verżjoni 2.0, [https://www.edpb.europa.eu/system/files/2021-04/edpb\\_guidelines\\_201904\\_dataprotection\\_by\\_design\\_and\\_by\\_default\\_v2.0\\_mt.pdf](https://www.edpb.europa.eu/system/files/2021-04/edpb_guidelines_201904_dataprotection_by_design_and_by_default_v2.0_mt.pdf)

<sup>31</sup> Il-proprietà tan-nuqqas ta’ konnessjoni timplika li huwa impossibbli li jiġi assoċjati jew ikkorrelati elementi ta’ data, azzjonijiet jew tranżazzjonijiet differenti ma’ suġġett tad-data spċificu.

<sup>32</sup> L-iżvelar selettiv huwa karatteristika tat-tokens, tal-kredenzjali u tal-attestazzjonijiet li tippermetti lis-suġġetti tad-data jaqsmu biss l-informazzjoni li jridu ma’ partijiet spċifici fuq bażi ta’ każ b’każ.

<sup>33</sup> Il-ħruġ tal-lottijiet jiddependi fuq ir-rispons għal talba waħda ta’ kredenzjali mis-suġġett tad-data b’sett jew grupp ta’ kredenzjali prodotti fl-istess ħin.

<sup>34</sup> Prova li turi konoxxa zero hija protokoll li fih parti waħda (dak li jipprova) tista’ turi lil parti oħra (il-verifikatur) li xi dikjarazzjoni partikolari hija vera, mingħajr ma twassal lill-verifikatur kwalunkwe informazzjoni lil ħin mis-sempliċi fatt tal-verità ta’ dik id-dikjarazzjoni.

salvagwardja siewja: ladarba l-età tal-utent tiġi vverifikata, ma jinżamm l-ebda rekord tad-data personali użata għall-proċess tal-assigurazzjoni tal-età.

37. Fil-prattika, minħabba l-pressjoni legali dejjem akbar biex tiġi implementata l-assigurazzjoni tal-età u l-ġħadd ta' fornituri li jistgħu jkunu soġġetti għal tali regoli, għandha tkun mistennija l-okkorrenza ta' ksur ta' sigurtà. Għandu jiġi aċċertat jekk il-miżuri xierqa kollha ta' protezzjoni teknoloġika u organizzattivi li għandhom ikunu fis-seħħ biex jiġi stabbilit immedjatament jekk seħħx ksur, li mbagħad jiddetermina jekk l-obbligu ta' notifika huwiex involut<sup>35</sup>. Element ewljeni ta' kwalunkwe politika dwar is-sigurtà tad-data jkun jista', fejn possibbli, jipprevjeni ksur u, fejn iseħħi, jirreaġixxi fil-ħin. Għalhekk, il-kapaċità li tiġi restawrata minnufih id-disponibbiltà tal-assigurazzjoni tal-età wara ksur ta' sigurtà għandha titqies ukoll bħala essenzjali. Bi-istess mod, huwa kruċjali li tiġi żgurata r-reżiljenza tal-ekosistema tal-assigurazzjoni tal-età, filwaqt li tiġi ffavorita l-eżistenza ta' alternattivi differenti u partijiet akkoppjati<sup>36</sup> b'mod mhux strett li ma jiddependu tant fuq xulxin li l-falliment jew it-tkissir ta' waħda jikkawżaw limitazzjonijiet sinifikanti ta' aċċess.
38. Filwaqt li l-miżuri ta' sigurtà huma tal-akbar importanza fl-assigurazzjoni tal-età, dawn ma jiggarrantixx li l-aċċess awtorizzat jew mhux awtorizzat għad-data personali mhux sejkollu impatt fuq id-drittijiet tal-persuni fizċi. Dawn ma jistgħux jissostitwixxu l-applikazzjoni tal-prinċipji tan-neċċessità, tal-proporzjonalità jew tal-protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku.

## 2.10 Akkontabilità

*Il-fornituri tas-servizzi u kwalunkwe parti terza involuta għandhom jimplimentaw metodi ta' governanza li jippermettulhom ikunu responsabbi għall-approċċ tagħhom lejn l-assigurazzjoni tal-età u biex juru l-konformità tagħhom mar-regolament dwar il-protezzjoni tad-data u rekwiżiti legali oħra.*

39. Minħabba l-involviment ta' partijiet ikkonċernati differenti, il-governanza tal-assigurazzjoni tal-età għandha rwol kruċjali fl-obbligu ta' rendikont tagħha. L-assigurazzjoni tal-età għandha topera taħt qafas ta' governanza, li jiżgura li l-proċessi u s-sistemi kollha jkunu mfassla, implementati, riveduti, dokumentati, ivvalutati, użati, miżmuma, ittestjati jew awditjati b'mod li jissodisa r-regolamenti dwar il-protezzjoni tad-data u rekwiżiti legali oħra. Dan il-qafas għandu jinkludi, mill-inqas, il-politiki dwar il-protezzjoni tad-data (l-Artikolu 24(2) tal-GDPR) u l-proċessi ta' prioritizzazzjoni u ta' teħid ta' deċiżjonijiet meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi ta' konformità u biex ir-riskji jiġu ġestiti b'mod xieraq matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-assigurazzjoni tal-età.
40. Pereżempju, il-qafas ta' governanza għandu jiddelinea min huwa responsabbi u kif, minn perspettiva ta' kontrollur/proċessur, għal liema attivitajiet jew operazzjonijiet eżatti fi ħdan l-ipproċessar. Għandu jiżgura wkoll li l-assigurazzjoni tal-età tkun tista' tiġi awditjata b'mod effettiv mill-awtoritajiet u mill-partijiet ikkonċernati rilevanti. Il-qafas ta' governanza huwa essenzjali għall-akkontabbiltà, iżda wkoll għat-trasparenza u l-fiduċja fl-assigurazzjoni tal-età.

<sup>35</sup> Mil-Linji Gwida 9/2022 tal-EDPB dwar in-notifika ta' ksur ta' data personali skont il-GDPR, [https://www.edpb.europa.eu/system/files/2023-04/edpb\\_guidelines\\_202209\\_personal\\_data\\_breach\\_notification\\_v2.0\\_en.pdf](https://www.edpb.europa.eu/system/files/2023-04/edpb_guidelines_202209_personal_data_breach_notification_v2.0_en.pdf)

<sup>36</sup> Il-partijiet jiddependu kemm jista' jkun fuq xulxin, u jnaqqsu l-ambitu tal-impatt meta jseħħu bidliet jew fallimenti.

Is-suġġetti tad-data għandhom probabbiltà akbar li jafdaw metodi li huma trasparenti dwar l-operazzjonijiet tagħihom, it-teħid ta' deċiżjonijiet, eċċ.

41. Barra minn hekk, parti mill-qafas ta' governanza tinvolvi l-iżgurar tal-effettivită (it-taqṣima 2.5), il-protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku (it-taqṣima 2.8), u s-sigurtà (it-taqṣima 2.9) tal-assigurazzjoni tal-età.

Għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Il-President

(Anu Talus)